# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 274/2017**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Isam Mohamed El Shahumi**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Isam Mohamed El Shahumi**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 53095(A), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'Marzu 2014 u fix-xhur ta' qabel ġewwa Margo's Restaurant (Palazzo Santa Rosa), il-Bajja tal-Mistra, Mellieħa:

1. ikkommetta serq ta' tlieta u erbgħin flixkun tal-inbid, flixkun amaretto tad-ditta Disaronno, żewġ 'stands' tal-ħadid, serrieq tal-ħadid, *extension* tad-dawl, ornament tal-injam b'forma ta' papra, żewġ lampi żgħar, tliet spiritieri antiki ta' valur, radju

antik ta' valur, mitt Ewro fi flus kontanti, liema serq hu aggravat bil-valur u bil-persuna;

2. irrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

3. kiser il-kondizzjonijiet ta' *conditional discharge*, liema kondizzjonijiet ġew imposti fuqu għal sentejn permezz ta' sentenza mogħtija lilu mill-Maġistrat Dr. S. Demicoli LL.D. fl-20 ta' Novembru 2012;

4. ikkommetta reat ieħor waqt il-perjodu ta' sentenza sospiża, liema sentenza ġiet mogħtija lilu għal sentejn mill-Maġistrat Dr. A. Demicoli LL.D. fit-23 ta' Novembru 2012;

5. kiser il-kondizzjonijiet ta' *conditional discharge* oħra, liema kondizzjonijiet ġew imposti fuqu għal tliet snin permezz ta' sentenza mogħtija lilu mill-Maġistrat Dr. S. Demicoli LL.D. fis-26 ta' Marzu 2013;

6. kiser il-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li kienu ngħataw lilu nhar il-31 ta' Awwissu 2012 mill-Maġistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D..

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Ġunju 2017, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u konsegwentement illiberatu minnhom stante li ma ġewx ippruvati.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fis-27 ta' Ġunju 2017 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha* ***TĦASSAR u TIRREVOKA*** *s-sentenza u minflok issib lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet kollha hekk kif dedotti kontrih mill-prosekuzzjoni u tinfliġġi piena skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-Appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jitlob lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti u b'hekk issib lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fit-22 ta' Marzu 2014 il-kwerelant Claude Camilleri għamel rapport ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra li kienu nsterqu xi flus u xi affarijiet mill-ħanut tiegħu Margo's fil-bajja tal-Mistra. Skont ir-rapport tal-Pulizija l-kwerelant innota li radju li kien ta' missieru kien nieqes. Jgħid ukoll li bejn id-9 ta' Marzu 2014 u s-16 ta' Marzu 2014 kienu naqsu xi flejjes u xi xorb alkoħoliku iżda ma għamilx rapport. Jispjega li kien qed jagħmel rapport minħabba l-valur sentimentali li kellu għalih ir-radju. Il-kwerelant qal li ma sab l-ebda forma ta' sgass u ndika li kellu xi suspetti fl-appellat. Jispjega li minbarra hu stess (il-kwerelant) u oħtu, l-unika wieħed li kellu ċ-ċwievet kien l-appellat. Skont ix-xiehda tal-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Sandra Zammit (*a fol.* 41 *et seq.*) kienet saret tfittxija fir-residenza tal-appellat iżda ma nstab xejn. Fuq indikazzjoni mill-kwerelant sar kuntatt ma' Tony Stivala (is-sid tal-ħanut *Times Gone By*) f'liema ħanut nstabet merċa fil-forma ta' fliexken tax-xorb li l-kwerelant identifika bħala tiegħu kif ukoll affarijiet oħra li l-kwerelant ukoll identifika bħala tiegħu.

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fl-evalwazzjoni tal-provi kif ukoll

fl-applikazzjoni tal-kunċetti legali marbuta mal-evidenza ċirkostanzjali ppreżentata fil-kawża odjerna. L-appellant jilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti b'mod żbaljat waslet għal konklużjoni li ma kienx hemm in-ness bejn ir-reat ta' serq u l-provi ċirkostanzjali u jargumenta li mill-provi mressqa jirrizulta s-segwenti:

- li l-appellat kellu aċċess liberu għall-post;
- li Claude Camilleri għamel rapport li sab l-affarijiet neqsin;
- li l-appellat kien mar għand Tony Stivala sabiex ibiegħ diversi oġġetti;
- li wħud mill-oġġetti misruqa nstabu għand Tony Stivala tal-ħanut *Times Gone By*; u
- li kien hemm numru ta' inkongruenzi fil-verżjoni mogħtija mill-appellat.

Illi l-appellant jilmenta wkoll li minkejja li l-appellat ma nqabadx *in flagrante delicto*, il-provi ċirkostanzjali li hemm kollha jippuntaw f'direzzjoni waħda.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali hija tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-

> ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi, meħud in konsiderazzjoni dan t'hawn fuq, ikun opportun li jiġu identifikati dawk li huma l-elementi tar-reat ta' serq u dana fid-dawl tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellat u dana minħabba li f'każ ta' sejbien ta' ħtija tal-imputazzjoni msemmija biss li jqum il-bżonn li jsiru konsiderazzjonijiet dwar l-imputazzjonijiet l-oħra. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Kevin Psaila** (Numru 234/2017) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi d-definizzjoni tar-reat tas-serq ġiet imfassla fil-ġurisprudenza bħala dik mogħtija mill-Carrara billi l-leġislatur ma pprovda l-ebda definizzjoni ta' dan ir-reat, bl-elementi tas-serq, jiġu maħruġa minn din id-definizzjoni kif jispjega l-kompjant Professur Sir Anthony Mamo li jislet ħames elementi li jridu jiġu neċessarjament sodisfatti għalbiex tirriżulta r-reita', u dan meta jippostula bħala dawn l-elementi:

[1] "Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991."

1. *The contrectatio of a thing*
2. *belonging to others.*
3. *made fraudulently.*
4. *without the consent of the owner.*
5. *animo lucrandi."*

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti mill-atti proċesswali jirriżulta ppruvat li l-appellat biegħ numru ta' affarijiet lil Tony Stivala (*a fol.* 17 *et seq.*). Il-kwerelant jgħid li huwa għaraf dawn l-affarijiet bħala tiegħu (*a fol.* 26 *et seq.*). Minn naħa tiegħu, fl-istqarrija rilaxxata minnu l-appellat jikkonferma li huwa kien biegħ xi xorb u ornamenti lil Stivala. Dwar l-ornamenti l-appellat jgħid li kienu tiegħu u dwar ix-xorb l-ewwel jagħti isem minn fejn xtrah iżda meta l-Pulizija ma kkonfermawx dan qal li xtrah minn x'imkien iżda ma jiftakarx minn fejn. Affaċċjat bil-filmati tas-CCTV, l-appellat jinsisti fuq il-verżjoni tiegħu.

Illi din il-Qorti tinnota li l-filmat tas-CCTV baqa' qatt ma ġie ppreżentat u b'hekk din il-prova hija nieqsa. Minkejja dan, din il-Qorti tinnota li fid-depożizzjoni tiegħu (*a fol.* 17 *et seq.*), Tony Stivala għaraf lill-appellat bħala l-persuna li biegħlu l-affarijiet.

Illi din il-Qorti tfakkar li huwa l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha u f'dan ir-rigward din il-Qorti tinnota li wieħed mill-elementi kostituttivi tar-reat li kellu jiġu ppruvat kien li l-affarijiet misjuba fil-ħanut ta' Stivala kienu tal-kwerelant. F'dan ir-rigward din il-Qorti tinnota li fost l-affarijiet li l-kwerelant jgħid li għaraf bħala tiegħu kien hemm l-fliexken tax-xorb li huwa jgħid xtara għan-negozju tiegħu. Fuq dan il-punt din il-Qorti hija tal-fehma li bħal kull negozju ta' ċertu daqs il-kwerelant irid iżomm l-irċevuti ħalli jkun jista' jagħmel il-kontijiet tiegħu. In vista ta' dan, kien ikun ferm sempliċi għal Prosekuzzjoni li tippreżenta rċevuti sabiex jiġi ppruvat li l-kwerelant kien tal-anqas jixtri l-inbejjed li hemm indikati fir-ritratti (Dok. "PF 1" – *a fol.* 70 *et seq.*).

Illi lanqas jista' wieħed jgħid li ġie ppruvat b'mod sodisfaċenti l-fatt li l-appellat kien l-unika wieħed li kellu ċ-ċwievet tal-post u

dana speċjalment meta wieħed iqis li fl-istqarrija tiegħu (Dok. "SZ 1" – *a fol.* 45 *et seq.*) l-appellat jgħid li kien hemm aktar ħaddiema li kellhom dawn iċ-ċwievet. Kien ikun estremament faċli għal Prosekuzzjoni tressaq xi lavranti jixhdu dwar dan il-punt.

Illi l-appellant jisħaq li fl-atti proċesswali hemm provi ċirkostanzjali biżżejjed sabiex din il-Qorti tasal għal konklużjoni li l-appellat huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Dwar l-element ta' provi ċirkostanzjali, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** (Numru 237/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "48. L-indizji fihom infushom ma humiex meqjusa immedjatament fuq l-istess livell bħal prova. Filwaqt li l-provi huma fihom infushom tajbin biex juru l-eżistenza ta' fatt jew ċirkostanza li jkun rilevanti għall-akkuża, mill-banda l-oħra l-indizji huma presunzjonijiet, ossija forma ta' raġunament bażat jew fuq xi prinċipji tax-xjenza jew tal-esperjenza tal-ħajja tal-bniedem li minnhom wieħed ikun jista' jiddeduċi xi ċirkostanza li tista' tkun importanti sabiex tiġi determinata l-ħtija jew l-innoċenza tal-akkużat. L-indizju għalhekk huwa forma ta' prova indiretta, jew li ċerti awturi jsejħulha prova kritika, li permezz tagħha jkun jista' jiġi eventwalment stabbilit fatt li jkun inċert, minn fatt li jkun ċert. Allura jekk Titius ra lil Sempronius ħiereġ mid-dar ta' Caius wara li Caius beda jgħajjat li serquh, jista' jingħad li hemm indizju kontra Sempronius li kien hu l-ħalliel peress li nqabad ħiereġ mid-dar ta' Caius ftit wara s-serqa. Iżda dan il-fatt indizjuż ma jistax jitqies – waħdu – bħala prova li Sempronius kien il-ħalliel in kwantu Titius ma rax b'għajnejh lil Sempronius jisraq fid-dar ta' Caius. Dak l-indizju huwa fatt inċert (jekk Sempronius hux il-veru ħalliel) imnissel minn fatt ċert (iġifieri l-fatt li Caius ġie misruq f'daru). Dak il-fatt inċert jassumi l-valur ta' prova meta, magħqud ma' fatti ċerti oħra, jagħti stampa iżjed sħiħa dwar dak li jkun ġara – ad eżempju

fejn Caius jagħti deskrizzjoni tal-ħalliel li tkun taqbel mal-persuna ta' Sempronius. Hemmhekk ix-xiehda ta' Caius dwar il-fatt tas-sura tal-persuna li serqitu tkun taqbel ma' dak il-fatt li ra Titius b'għajnejh – ossija lil Sempronius ħiereġ mid-dar ta' Caius. Flimkien allura dawn iż-żewġt indizji jibdew jiffurmaw kwadru ta' prova.

49. Biex dawn l-indizji, jew ċirkostanzi jassumu rilevanza penali, huma jridu jsegwu ċerti regoli speċifiċi. Allura jistgħu jinqraw flimkien ma' provi diretti u ċerti. Xi drabi jistgħu jkunu importanti daqs provi diretti. Iżda fl-assenza ta' provi diretti, ċari u ċerti, il-provi indizjarji ossija ċirkostanzjali jistgħu ukoll iwasslu għal sejbien ta' ħtija. Biex dan ikun jista' jseħħ, l-indizji jrid ikollhom dawn il-karatteristiċi, iġifieri jridu jkunu:

(a) (Normalment, u għalhekk mhux dejjem, u dipendenti skont in-natura tal-indizju partikolari), iżjed minn indizju wieħed (indizji plurimi),

(b) tali li jipperswadu b'mod konvinċenti u ma jkunux faċilment skreditabbli (indizji gravi),

(c) ma jagħtux lok għal interpretazzjonijiet differenti (indizji preċiżi jew univoċi), u

(d) jaqblu ma' xulxin b'mod li jikkonverġu fl-istess direzzjoni (indizji konkordanti)."

Illi mill-atti proċesswali ta' dan l-appell jirriżulta li l-Prosekuzzjoni lanqas seħħilha tipprova li l-kwerelant kien xtara l-inbejjed in kwistjoni. Fix-xiehda tiegħu l-kwerelant isemmi numru ta' affarijiet li ra u li minnhom għaraf il-fliexken waqt li kien ikun ferm aktar sempliċi jippreżenta rċevuti li bħala ħanut żgur ikollu fil-pussess tiegħu. Tabilħaqq kull darba li ġie mistoqsi jgħid kemm kienet tiswa r-refurtiva li nsterqitlu, huwa ppreżenta biss numru ta' stimi magħmula minnu!

Illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta fis-sentenza appellata qalet li ma kinitx tal-fehma li n-ness bejn ir-reat u l-appellat allura imputat ġie ppruvat minħabba li l-provi ċirkostanzjali kienu monki minn ħafna aspetti. Din il-Qorti żżid tgħid li lanqas hemm prova konklussiva li l-affarijiet indikati huma fil-fatt tal-kwerelant u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti anke wieħed mill-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat huwa monk.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**